# KURUNI TA' DEVOZZJONI

Guido Lanfranco

**Din l-informazzjoni hija għażla ta' interventi (*phone-ins*) minn semmiegħa tar-radju RTK waqt il-programmi tal-awtur preżenti; u oħrajn miġbura minn kuntatti personali.**

**Kuruni msensla miż-żerriegħa:** "Fi żmien il-gwerra missieri kien jagħmel il-kuruni biż-żerriegħa tal-ħarrub. Dak iż-żmien kuruni minn barra ma kinux jiġu. Kien itaqqab iż-żerriegħa tal-ħarrub u jsensilhom hu; ukoll biż-żerriegħa taż-żebbuġ u b'tal-anżaran (jiġifieri tal-anżalor), għax dik qisha ċirasa rqiqa. Ommi, Alla jaħfrilha, kienet tgħallih [l-anżalor] biex tneħħi l-laħam tiegħu u kien jibqa' ż-żerriegħa... Missieri kien itaqqab... In-naħa tal-Għar ta' San Brinkat kien hemm is-siġar tal-anżalor." *(Mara minn Ħal Għargħur. 277b 1993-12-15(4 b))*

*"Fil-festa ta' Santa Venera kien isir qisu suq... jarmaw Misraħ il-Barrieri, Santa Venera. Kienu jbigħu wkoll il-Karmelitani, kuruni tal-ħarrub..." (Publius minn Santa Venera. 308 1994-01-05 (9))*

**Kuruna ta' San Mikiel:** "Missieri kellu kuruna ta' San Mikiel imsensla fi spaga... tliet żibġiet għal disa' darbiet. Meta jinkitbu fil-fratellanza ta' San Mikiel... [It-talba] kien jgħidha kuljum filgħaxija." *(Mara. 383 1994-03-09 (1))*



Kuruna ta' Santa Marija

**Kuruna ta' Santa Marija**: "Niftakar lill-bużnanna... Dik [il-kuruna] Ta' Pinu... Dik tal-Assunta wkoll tintuża fil-Qrendi kienet. Ħmistax-il żibġa tal-Assunzjoni, ħmistax-il stilla li għandha f'rasha ... Ħmistax tal-kwindiċina ... Fl-aħħar, tliet *Ave Marijiet*. Il-bużnanna, [il-kuruna] kienet iżżommha fil-but tad-dublett ta' taħt." *(Mara ta' 60 sena mill-Qrendi. 387 1994-03-09 (5))*

**Kuruna tal-Pjagi**: "Kuruna Tal-Pjagi jkollha ħames żibġiet għal ħames darbiet, [u] bejniethom domna tad-Duluri u pjaga. Fl-aħħar, flok salib, ikun hemm domna bil-pjagi kollha... Għandi waħda antika... Naf ngħid ukoll it-*Talba tal-Pjagi*: 'Ġesù tiegħi, maħfra u ħniena f'ġieħ il-pjagi mqaddsa tiegħek.' Il-komunitajiet Maltin fl-Awstralja, fejn kont, bħall-M.U.S.E.U.M., kienu jqassmu santi biss bil-kitba tal-pjagi." *(Mara. 388 1994-03-09 (6))*

**Kuruna tal-Franġiskani:** "Kuruna b'seba' posti ta' għaxar żibġiet kull waħda hija tal-Franġiskani... Biż-żibeġ bejn kull posta... Missieri kellu." *(Mara. 391 1994-03-09 (9))*

Kuruna ta' seba' posti ta' għaxar żibġiet hija kuruna Franġiskana li kienu jgħidu t-terzjarji Franġiskani:

1 Tal-ferħ, l-Annunzjazzjoni;
2 Tal-ferħ, il-Viżitazzjoni;
3 Tal-ferħ, it-Twelid ta' Kristu;
4 L-Adorazzjoni tal-Maġi;
5 Is-Sejba ta' Ġesù fit-tempju;
6 Ir-Reżurezzjoni ta' Kristu;
7 L-Assunzjoni ta' Marija fil-Glorja.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

Żibġa għall-fehma tal-Papa u żewġ żibġiet għall-*Ave Marijiet* għall-indulġenzi. Jgħidu li din bdiet meta fra, li qabel kien iżejjen bil-fjuri lill-Madonna, ma setax aktar u dehritlu u qaltlu biex jgħid din tas-seba' ferħiet li ġarrbet hi." *(Mara. 394 1994-03-09 (12))*

"Is-seba' posti juru l-età tal-Madonna. [Il-kuruna] kellha sebgħin żibġa u tlieta oħra magħhom li b'kollox juru t-tlieta u sebgħin sena li kellha l-Madonna, [mhux tad-Duluri tal-Madonna]." *(Salvina Ellul. 397 1994-03-09 (15.))*

"Kuruna li kienet t'ommi li kienu tawhielha s-sorijiet Franġiskani minn Għawdex. Id-damma tagħha fi tliet partijiet fejn jidhru miktubin il-misterji [tal-]Ferħ,

[tat-]Tbatija u [tal-]Glorja bl-Ingliż; żibeġ kbar forma ta' lanġasa u fit-tarf, domna. Kienu jilbsuha s-sorijiet. Nhar ta' Ġimgħa tgħid il-5 posti tat-Tbatija." *(Mara. 406 1994-03-16 (8))*

**Kuruna tad-Duluri**: "Il-kuruni tad-Duluri kellhom domna bejn kull posta... differenti... kollha dwar id-Duluri... Timmedita fuq is-Seba' Duluri." *(Raġel. 384 1994-03-09 (2))*

"Għandi l-kuruna tad-Duluri, 7 posti, kull waħda b'7 żibġiet. Bejniethom domni li jkun fihom Duluri b'7 stalletti fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra juru l-posti:

1 il-profezija ta' Xmun;

2 il-ħarba lejn l-Eġittu;

3 it-telfa ta' Ġesù;

4 tiltaqa' miegħu mgħobbi bis-salib;

5 taħt is-salib ta' binha msallab;

6 iżżomm lil Kristu mejjet;

7 id-difna ta' Kristu. Ngħidha kull nhar ta' Ġimgħa.

Fl-aħħar domna kbira, 3 żibġiet u salib." *(Mara. 404 1994-03-16 (6))*

**Kuruna tas-Sagrament:** "Ziti kellha kuruna bajda tas-Sagrament bi 33 żibġa, mingħajr *Glorja*. Nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta tgħid il-ħames posti tat-Tbatija:

1 Jiddispjaċini għalik, Mulejja, meta dħalt tbati ġewwa l-ort.

2 Jiddispjaċini għalik, Mulejja, meta rabtuk mal-kanolla (kolonna). Salvani, parti minnek mar isabbar [*sic*] lill-Madonna.

3 Jiddispjaċini għalik, Mulejja, meta inkurunawk bil-kuruna tax-xewk; Marija addolorata għax binha sejjer għall-mewt.

4 Jiddispjaċini għalik, Mulejja, għax għabbewk bis-salib. Ommok trid tħaffiflek, u l-għedewwa trid tgħabbik [*sic*].

5 Jiddispjaċini għalik, Mulejja, meta sammruk bl-imsiemer. Marija addolorata bid-dmugħ bħax-xmajjar nieżel." *(Mara. 410 1994-03-16 (12))*

**Rużarju għall-Erwieħ**: "Niftakar in-nanniet tiegħi jgħidu r-Rużarju għall-erwieħ. U l-posti ma kinux kif ngħiduhom illum. Kollox għall-erwieħ. Isemmu *Ragamaterna* (*Requiem aeternam*) u *Agħtihom, o Mulej*... Jużaw il-kuruna. Infatti ma kinux jgħidu r-rużarju l-ieħor." *(Raġel minn Ħaż-Żabbar. 1305 2003-11-14 (6))*

"Għadni sal-ġurnata mqaddsa tal-lum kultant naqbad kuruna u ngħid: 'Ġesù, Marija, Ġużeppi, għal dawk l-erwieħ li m'għandhomx min jitlob għalihom...' Ngħid kuruna *Ġesù, Marija, Ġużeppi*, il-kuruna kollha u minflok *Glorja* ngħid: 'Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem...' għax hawn min m'għandux min jiftakar fih." *(Mara minn Birkirkara. 1307 2003-11-14 (8))*

"Ommi kienet tgħidilna kuljum kuljum wara r-Rużarju kuruna sħiħa, fuq kull żibġa: 'Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem...' U bejn kull posta tgħid ħafna ġakulatorji għall-erwieħ. Imbagħad bejn l-*Agħtihom, o Mulej* tgħid *Missierna* u *Ħobżna* għal għaxar darbiet. Meta miet missierha, ommha kellha d-drawwa tgħid l-ewwel posta għal ruħu u t-tieni posta għal ruħ ommha. Drabi oħra titlob għall-erwieħ abbandunati." *(Mara. 1308 2003-11-14 (9))*



**Ritratt ta' Guido Lanfranco juri l-kuruna tal-fratellanza taċ-Ċintura tal-Gudja. Ħajr lis-Sur Tony Mangion**

**Kuruna tal-Fratellanza taċ-Ċintura u tal-Konsolazzjoni**: Fis-seklu ħdax fi knisja f'Torino kien hemm devozzjoni lejn ikona li kienet tissejjaħ il-Konsolazzjoni tal-Imnikktin (*Consolatrix Afflictorum*). Fl-1838, l-Agostinjani bdew jorganizzaw festa tal-Madonna li Tfarraġ lill-Imnikktin, u l-Ġiżwiti fis-seklu tmintax bdew jippropagaw din tal-Konsolazzjoni. Twaqqfet fratellanza taċ-Ċintura fil-knisja ta' San Ġakbu ta' Bologna. Lejn tmiem is-seklu tmintax, mat-titolu taċ-Ċintura, żiedu ieħor tal-Konsolazzjoni. Fl-1921, iċ-ċentru ta' devozzjoni lejha ġie trasferit għall-knisja ta' Santu Wistin ta' Ruma. Għall-ewwel, taċ-Ċintura u tal-Konsolazzjoni kienu żewġ sodalitajiet separati fil-knisja ta' San Ġakbu ta' Bologna: waħda sodalità taċ-Ċintura, Santu Wistin u Santa Monika; u l-oħra tal-Madonna tal-Konsolazzjoni; imma dawn ġew amalgamati f'waħda. F'Malta ġiet introdotta mill-Agostinjani. Il-fratelli li jissieħbu fil-fratellanza taċ-Ċintura u tal-Konsolazzjoni jilbsu ċ-ċintura sewda, imma maċ-ċintura l-fratell li jissieħeb mal-fratellanza jieħu wkoll kuruna dritta speċjali biż-żibeġ kbar li tiddendel minn tarf wieħed maċ-ċintura.

Il-kuruna jkun fiha tul ta' xi pied u nofs, tarf minnhom bil-ħolqa li taqbad maċ-ċintura u fit-tarf l-ieħor ikollha ġummiena bid-domna. Din il-kuruna jkun fiha tlettax-il żibġa kbira biex tista' tgħid fuqha r-'Rużarju' tal-Madonna taċ-Ċintura u tal-Konsolazzjoni. Fuq kull żibġa tgħid il-*Missierna* u warajha tgħid l-*Ave Marija*. Aktar faċli, tista' tgħid tlettax-il *Missierna* u warajhom tlettax-il *Ave Marija*. Wara dawn tgħid is-*Salve Regina* ad unur il-Madonna tal-Konsolazzjoni. Din tingħad fuq ras il-ġummiena fejn hemm żewġ żibġiet minsuġin f'għamla ta' kuruna ta' fuq ras ir-Reġina. L-istess kuruna tista' tintuża wkoll biex tingħad fuqha l-kurunella tal-Madonna taċ-Ċintura li fiha tlettax-il strofa u wara kull strofa tingħad l-*Ave Marija*. Il-Kurunella kien kitibha Patri Publio Paolo Micallef.[1]

**Kuruna tal-Frères ta' De La Salle**: Il-komunità tal-Brothers jew Frères ta' De La Salle għandhom kuruna tar-rużarju Marjan li tidher għalkollox bħal tal-ħames posti, imma minflok ħames posti għandha sitta. Dan għaliex kellhom devozzjoni speċjali lejn il-Madonna ta' Lourdes taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni, kif stqarret hi stess. Għalhekk żiedu s-sitt posta dedikata għaliha.



**Kuruna tal-wegħda magħmula minn Paul Zammit. Ħajr lil Joseph Bonnici O.P.**

**Kuruna minsuġa b'wegħda**: Fl-1998, l-iben iż-żgħir ta' Paul Zammit mill-parroċċa tad-Duminkani tal-Belt ittieħed l-isptar minħabba problema fi griżmejh. Missieru għamel wegħda li jekk ibnu jfiq, jinseġ tletin kuruna b'ħajt ċelesti u jqassamhom lin-nies. Iż-'żibeġ' saru bl-għoqod tal-istess ħajt.

## REFERENZI

1 Walsh, Michael, *A Dictionary of Devotions*, 1993. pp. 75–6; Mark Cauchi & Simon Mercieca, Vetustior Glorior, 2015. pp. 268–70; Vincent Borg, Marian Devotions, 1983. pp. 157–8.